12 ta' Diċembru, 1944.

*Imħallef:*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Joseph Bartolo ne. *versus* Francesco Falzon

## Retratt — Minuri li Twieldu wara l-Bejgħ ta' Fond li Huma jridu Jirkupraw.

*Il-minuri li ma ikunux twieldu meta jsir bejgħ ta' fond li huma għandhom dritt jirkupraw, jistgħu jeżerċitaw dak il-dritt ta' rkupru jekk meta sar il-bejgħ huma kienu konċepiti u wara l-bejgħ jitwieldu qawwijin u sħaħ.*

L-attur fit-taħrika qal li hu fil-kwalità tiegħu fuq premessa, b'ċedola minnu preżentata taħt l-awtorità ta' dina il-Qorti, fis-13 ta' Marzu 1944, irkupra mill-poter tal-konvenut, in forza tat-titolu tal-konsangwineità u ta' kwalsijasi titolu ieħor validu fil-liġi lilu kompetenti, id-dar fir-Raħal Ġdid (Każal Pawla), Triq Wara Santa Ubaldesca, numru 20, li drabi oħra kienet markata bin-numru 87, libera u franka minn ħlas ta' ċens, piżijiet, gravami, servitù, ipoteki u fedekommessi, bil-ġus u pertinenzi tagħha kollha, liema dar il-konvenut kien xtara minn għand Carmela Bartolo u oħrajn b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Konti Giovanni Carmelo Chapelle tat-28 ta' Marzu 1943, ratifikat b'kuntratt ieħor fl-istess attijiet tat-8 ta' Mejju 1943 (dok. A); u li l-konvenut, non ostante d-diversi interpellazzjonijiet lilu magħmula, kompriża dik magħmula bl-ittra uffiċjali tal-20 ta' April 1944 (dok. B), ma għamelx a favur tiegħu r-rivendizzjoni tal-fond minn dana retratt kif intqal fuq; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jiġu mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, u previja d-dikjarazzjoni, kemm il-darba din hija neċessarja, illi r-retratt in kwistjoni ġie legalment u validament eżerċitat minnu, il-konvenut jiġi kundannat jagħmel a favur tiegħu r-rivendizzjoni opportuna fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti għal dana l-oġġett; billi jiġi wkoll ordnat u deċiż illi dina r-rivendizzjoni għandha tintendi ruħha operata in forza ta' l-istess sentenza fil-każ illi l-konvenut iħalli jiddekorri inutilment it-terminu li jkun ġie lilu hekk prefiss; u billi, jekk hemm bżonn, jiġu likwidati l-ispejjeż u somom oħra li skond il-liġi

ghandhom jiġu rimborsati u mhalsa mill-konvenut mill-insitanti, u jkunu ordnati l-kontegġi kollha neċessarji. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, kompriżi dawk ta' l-insemmija ittra uffiċjali tal-20 ta' April 1944; u b'riżerva ta' kwalsijasi dritt iehor jew azzjoni illi spettanti kontra l-konvenut għad-danni;

*Omissis;*

Fuq l-ewwel eċċezzjoni l-Qorti tosserva li l-konsangwinentà tar-retraenti għad-fini jiet ta' l-irkupru tirriżulta soddisfaċentement ippruvata bil-fidijiet eżibiti mill-attur fil-proċess;

Fuq it-tieni eċċezzjoni l-Qorti tosserva li l-minuri Roger Winston Bartolo twieled fl-24 ta' Novembru 1943, u għalhekk meta l-imbarrek xtara l-fond in kwistjoni, dak il-minuri kien ġie konċepit, għalkemm kien għadu mhux mitwieled, peress li x-xiri sar fit-28 ta' Marzu 1943 u l-minuri twieled wara ġestazzjoni kompluta u normali, kif iċċertifika t-tabib ta' l-Isptar fejn twieled il-minuri (fol. 27);

Skond il-prinċipji tad-Dritt Ruman, "qui in utero est perinde ac si in rebus humanis esset custoditur, quotiens de comodis ipsius partus quaeritur, quamquam alii antequam nascatur nequaquam prosit" (Paulus, fr. 7, de statu hominum, 1.5). U għalhekk fid-Dritt Ruman il-ligi kienet tirriżerva ddrittijiet għal meta l-konċepit jitwieled haj u qawwi u sħiħ fil-każi li jkun jaqbel li dak l-individwu meta jitwieled. Dan il-prinċipju huwa magħruf b'żżejjed biex jimmerita kommenti fit-tul; u l-liġijiet moderni, u fosthom il-liġi tagħna, irrikonoxxew espressament dak il-prinċipju fil-materja tas-suċċessjonijiet u tad-donazzjonijiet, kif jidher mill-art koll, 298, 445, 509, u 1565 ta' l-Ordinanz VII ta' l-1868, fejn preċiżament il-liġi applikat għal każi partikulari prinċipju ġenerali tad-dritt. U għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx raġuni biex dak l-istess prinċipju ma jiġix applikat fil-materja tar-retratt favur il-konċepit, meta l-irkupru jiġi eżerċitat wara t-twelid qawwi u sħiħ ta' min fil-ġurnata tal-bejgħ li jnissel id-dritt għall-irkupru jkun ġa konċepit;

Infatti, l-awturi li ttrattaw fuq l-irkupru, u li huma l-aktar magħrufa, jammettu dak id-dritt. U tabilħaqq, il-Pothier, fit-Trattat tiegħu fuq ir-Retratt, igħid ċar u tond li d-dritt ta' l-irkupru jnissel anki lil min ikun konċepit biss (p. 1, C.V., no. 147). U l-Contadino għallem: — "Secundum

casus est si agamus de retractu, et tunc distinguendum est. Nam aut si qui venit intra tempus intra quod natus est erat conceptus de tempore alienationis, et tunc absolutum est, quod possit retrahere feudum et excludere eum qui erat proximior de tempore alienationis, quas tamen ipse post nativitatem praecedit" (De Jure Praelationis, Quaest. XXXV, no. 28, p. 164). U Tiraquellus jghid ukoll :— "Sed ut ad institutum redeamus, illud quaeritur an pater ipse tamquam administrator ventris suae uxoris posset hunc retractum facere, nam et hoc in facto vidimus. Finge igitur.........., quos posthumus illi fuit a quopiam haeres institutus, quod fieri potest........... Aut quod quispiam ei bona aliqua ligaverit vel donaverit. Nam et id quoque fieri potest............... Ex illis igitur bonis vult pater ut administrator ventris, aut etiam alius curator ventri datus, retrahere rem a patre, aut etiam alio consanguineo (haec enim omnia simul expediam), venditam utrum possit? Quod videtur, quia uterus in his quae suum ipsius commodum respiciunt pro iam nato habetur........, ideoque et ei competit in integrum restitutio" (De utroque retractu, Glo. IX, 43 u 75) ;

Fuq dan it-tagħlim il-Qorti ma tistax ma tagħrafx iddritt tal-*minuri għall-irkupru li gie eżercitat għalih minn missieru* ;

Fuq l-aħħar talba l-Qorti tosserva li, kif irriżulta missmiegħ tal-kawża, lok ta' *likwidazzjoni* ta' spejjeż u konteġġi ma hemmx, salvo li l-attur irodd iż-£2. 0. 6 li l-imħarrek laħaq ħallas lill-Gvern ta' tliet skadenzi tal-kontribuzzjoni dovuta għall-fond in kwistjoni taħt il-Land Valuation Ordinance u l-War Damage Ordinance ta' l-1943 ;

*Omissis ;*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet, tiddikjara li l-ispejjeż li għandu jagħti l-attur nomine lill-imħarrek huma ż-£2. 0. 6 fuq imsemmija, u tagħti lill-imħarrek ħmistax il-ġurnata żmien ħalli jagħmel ir-rivendizzjoni ; inkella, jekk jgħaddi inutilment dak it-terminu, ir-rivendizzjoni għandha tiġi kunsidrata magħmula bis-saħħa ta' dis-sentenza. It-terminu jgħaddi minn meta l-attur iħallas lill-imħarrek iż-£2. 0. 6 fuq imsemmija. U l-ħlas, għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni ta' dis-sentenza, għandu jirriżulta minn irċevuta jew

kopja ta' ċedola ta' depożitu ta' dak l-ammont, li għandha tiġi eżibita wara l-attijiet ta' dil-kawża;

L-ispejjeż, in vista tan-novità tal-kwistjoni involuta f'din il-kawża, jibqgħu mingħajr taxxa.